# L-IMNARJA TA' L-IMGĦODDI

Chev. Joseph M. Said O.S.J.

Ħafna huma dawk li jħobbu jisimgħu fuq il-ġrajjiet ta' l-imgħoddi, b'mod speċjali jekk dawn il-ġrajjiet ikollhom x'jaqsmu ma' pajjiżhom. Għalina n-Nadurin b'mod speċjali, u għal ħafna oħrajn f'Malta u Għawdex, il-festa ta' l-Imnarja hija avveniment importanti. L-imħabba għal din il-festa tixgħel ġewwa qalbna bħal ġamra nar u għalhekk jixraq li nkunu nafu aktar kif kienet tiġi ffestiġġjata aktar minn tmenin sena ilu. Esperjenza li żgur huma l-veru ftit li għadhom jiftakru.

## *Sehem l-Orkestra fil-Festa*

Barra milli l-festa ta' l-Imnarja kienet popolari, fost l-oħrajn għall-għors, id-daqq taż-żaqq, il-fenkati, ix-xorb u l-ikel li kienu jsiru fil-Buskett tan-Nadur għad-dell tas-siġar tal-ħarrub, tal-larinġ u tal-lumi, nsibu wkoll li għal din il-festa kienu jintefqu somom kbar ta' flus, bħalma m'għandniex xi ngħidu, jintefqu llum.



Il-manuskritt tal-Kanonku Giuseppe Gatt, li kien prokuratur tal-Kolleġġjata tan-Nadur, jagħtina ħjiel tal-flus li kienu ntefqu għall-festa tal-1924. F'din is-sena l-mużika ta' lejlet u nhar il-festa kienet immexxija mis-Surmast Carlo Diacono, m'għandniex xi ngħidu, b'mużiċisti u kantanti Maltin. Is-surmast Diacono żgur li ma għamilx għajb lil dawk ta' qablu. L-orkestra tas-surmast Diacono kienet komposta minn madwar 23 membru, fosthom insibu 6 kantanti, 5 vjolini, vjola, kontrabaxx, flawt, klarinett, fagott, kornu, kornetta, trumbun prim, trumbun sekond, bumbardun u timpani. F'dik is-sena, il-ħlas tal-mużika kien ta' £28. Il-Kan. Gatt osserva wkoll li s-Surmast ma riedx ħlas u għalhekk ġie mogħti rigal ta' żewġ liri u nofs, lira u nofs minn tal-Knisja u lira minn tiegħu bħala prokuratur, mill-flus li kellu miġbura għall-festa.



*Is-Surmast Carlo Diacono*

Dawn il-mużiċisti kienu ġew alloġġjati u kielu fir-ristorant ta' Ċikku Thewma u l-ħlas kien ta' żewġ liri. Ħdax-il mużiċista minn dawn, meta sar l-ħin tat-tluq tagħhom lejn Malta, kienu baqgħu l-art minħabba li l-vapur nhar l-Imnarja filgħaxija ma kienx stenniehom minħabba l-maltemp. Dawk il-mużiċisti ma reġgħux telgħu lura n-Nadur, imma baqgħu l-Imġarr fil-lukanda 'Migiarro'. Il-knisja kienet ndaħlet għal spiża oħra, għax għar-raqda u l-ikla ta' filgħaxija, kellha tħallas il-kont ta' 18-il xelin. Il-lukanda 'Migiarro' kienet proprjeta` ta' ċerta Peppina. Barra minn hekk, l-ispejjeż biex il-kantanti u mużiċisti kienu telgħu mill-Imġarr għan-Nadur kienu ta' 12-il xelin. Naturalment dawn kienu telgħu bil-karozzini, il-mezzi komuni tat-trasport ta' dak iż-żmien.

Qabel l-orkestra tal-Mro. Diacono kienet tiġi dik ta' Mro. Francesco Decesare, li fost in-Nadurin kien magħruf bħala 's-Sur Ċikk'. Francesco Decesare kien maħbub u mfaħħar minn kull Naduri, tant li f'dawn iż-żmenijiet dan kien ħabrek kemm felaħ biex jgħaqqad orkestra komposta minn nies Nadurin. Nisma' lil missieri jgħid li hu kien ser idoqq klarinett. Is-Sur Ċikk kien jagħmel il-kunċerti tiegħu ftit ġranet qabel il-festa f'lokal fi Triq Rjali (illum Triq Diċembru 13). L-ispejjeż tal-mużika, barra dak tat-trasport, fi żmien is-Sur Ċikk kienu ta' £34. M'hix somma taċ-ċajt għal dawk iż-żminijiet għall-mużika biss, meta wieħed iġib quddiem għajnejh li ġurnata xogħol kienet ta' 6 soldi biss (6 euro cents) jew anqas.



*Il-festa ta' l-Imnarja tas-sena 1919*

## *Baned Maltin*

In-Nadur minn dejjem kien imsemmi għal baned Maltin li jġib għal festa. Ħafna Maltin, bħalma jagħmlu llum, kienu jaqsmu minn Malta għal Għawdex biex igawdu l-Imnarja. Bosta minn dawn kienu jiġu mal-baned tagħhom. Fost il-baned li kienu jiġu mistiedna nsibu 'San Ġorġ' ta' Bormla, 'Sant'Elena' ta' Birkirkara, 'La Vallette' u l-'King's Own' tal-belt Valletta. Dawn u oħrajn kienu dehra komuni fil-festa ta' l-Imnarja fin-Nadur.


*Il-Banda Sant' Elena fil-festa tas-sena 1926*

Għall-Imnarja tal-1924 kienu ġew żewġ baned, 'San Ġorġ' ta' Bormla u 'La Vittoria' tal-Mellieħa. Il-Banda ta' Bormla ħadet £24 u dik tal-Mellieħa, li ġiet minn lejlet il-festa filgħodu sa l-għada tal-festa filgħodu, ħadet £8 . F'din is-sena, in-noll tal-banda kien ġie b'xejn, peress li kienu ġew xi Melleħin mal-Banda tagħhom u għalhekk ħallsu, u mill-qligħ tħallsu l-ispejjeż l-oħra.

Il-banda tal-Mellieħa kienet ġiet mad-dgħajsa ta' l-aħwa Borġ 'Ta' Ġakbu' min-Nadur. Il-ġranet ta' l-Imnarja huma msemmijin għall-irjieħ qawwija u dik is-sena ma kinitx eċċezzjoni. Din il-banda ma setgħetx terġa' lura filgħodu minħabba l-maltemp. Għalhekk kien inkera l-luzzu ta' Kustanz Camilleri li tħallas £1 12s 4d. L-irqad u l-ikel tal-banda tal-Mellieħa kien għand il-'Calypso Restaurant' fi Pjazza San Pietru u San Pawl u l-ispejjeż kienu f'idejn il-banda stess. L-ispejjeż ta' l-irqad u l-ikel tal-banda ta' Bormla kienu ta' £2 liri għand l-istess Kustanz Camilleri. L-ispejjeż tal-vapur għall-banda ta' Bormla u tal-mużiċisti, li b'kollox kienu jgħoddu 104 ruħ, intelgħu għal £7 16s 0d, u minn dawn sid il-vapur kien ta 6 xelini għall-knisja.

## *Illuminazzjonijiet u tiżjin*



Aktar minn sebgħin sena ilu ma kienx hemm id-dekorazzjonijiet tad-dawl li naraw illum iżda kienu jintużaw imsiebaħ u lampi taż-żejt jew tal-pitrolju. Għalhekk m'għandniex naħsbu li fil-knisja, fil-koppla, fil-faċċata u fit-toroq tal-purċissjoni ma kienx hemm l-illuminazzjoni li naraw illum. Imma minkejja n-nuqqas ta' l-elettriku dawn ma kinux mudlama fil-festa. Flok l-eluf ta' bozoz li naraw illum, dak iż-żmien kien hemm eluf ta' tazzi kkuluriti jnemnmu fid-dalma ta' matul il-lejl. Dawn kienu jinxtegħlu b'paċenzja kbira minn Spiru Mallia minn B'Kara li kien magħruf bħara Spiru tat-Tazzi.

Tajjeb li wieħed jgħid li fil-faċċata tal-knisja kien ikun hemm madwar 1,997 tazza tal-kulur, fl-arkaturi li kienu jintramaw fuq iz-zuntier madwar 1,000 tazza oħra, kollha b'kuluri differenti. Fil-pjazza mbagħad kienu jintramaw 14-il piramida, b'50 tazza kull waħda, 11 oħra b'40 tazza kull waħda u 8 oħra b'25 tazza. Fuq il-palk kienu jintramaw 8 piramidi oħra b'7 tazzi kull waħda.



Fil-Pjazzetta mbagħad kien ikun hemm 7 piramidi bħalhom b'40 tazza kull waħda. Fl-antaljoli kien ikun hemm ukoll ir-rużuni. Fil-Pjazza biss kien hemm 8 rużuni, b'25 tazza kull wieħed. Għaxar rużuni oħra b'20 tazza kull wieħed kienu jkunu fil-knisja. B'kollox kien ikun hemm madwar 5,073 tazza tal-kulur u tal-kera tagħhom Spiru kien jieħu £7 15s 0d.

Barra minn dawn it-tazzi taż-żejt, kien hemm ukoll 150 globu li tagħhom Spiru Mallia kien jieħu £1 2s 6d. Bħala kera tal-piramidi kien jitħallas £1 6s 8d tar-rużuni, u 4s 0d għat-trofej. Dak iż-żmien kien hemm £1 11s 8d spejjeż tal-ġarr bid-dgħajsa minn Malta għal Għawdex u £1 10s 0d oħra tat-trasport.

Il-pedistall tal-Pjazza kif ukoll Strada Irjali kienu wkoll jintramaw bit-tazzi taż-żejt. Il-pedistall kien jintrema b' 8 brazzi li kienu jinkrew bi 12s 0d filwaqt li Strada Rjali kienet ukoll tintrema bil-piramidi. Talli kien jieħu ħsieb jixgħel dawn l-mijiet ta' tazzi, Spiru kien jieħu ħlas ta' £24 15s 2d. Nafu li fid-29 ta' Ġunju ta' l-1924, dawn ma nxtegħlux minħabba l-maltemp u għalhekk Spiru ma kienx tħallas din is-somma kollha. Dan kien sar skond ftehim li kien hemm bejnu u l-prokuratur tal-festa.

## *Il-Logħob tan-Nar*

F'dak iż-żmien in-nar kien jiġi maħdum minn ċertu Nerik Camilleri. Mhux magħruf jekk in-nar kienx jinħadem kollu minnu, biss nafu li tal-ġiġġifogu Nerik kien jieħu £9 10s 0d. Barra dan il-logħob tan-nar, dejjem fl-1924, insibu li kien hemm ukoll 20 fjamma bix-xelin-il waħda, 66 suffarelli li qamu lira, 12-il gass ta' ratlejn kull wieħed li qamu 13s 6d, żewġ gassijiet ta' ħamest irtal u nofs-il wieħed li qamu £1 4s 9d, tliet tużżani ġirasoli għal waqt il-marċ ta' lejlet il-festa filgħaxija li qamu 12-il xelin, żewġ gassijiet ta' l-aluminju li swew £1 4s 0d u 40 gass għal waqt il-purċissjoni li swew £4.

Naturalment il-biċċa l-kbira ta' dawn il-gassijiet kienu jinħarqu bil-lejl waqt il-marċ. Il-prokuratur kien ħallas minn butu għal 24 gass li swew tmintax-il xelin, 8 gassijiet oħra ta' daqs akbar li qamu xelin-il wieħed u ħallas ukoll £1 5s 6d għat-trasport tal-pulizija. Mikiel Cauchi, li kien purtinar ta' l-iskola tan-Nadur, kien ħallas £14 għal 20,000 bomba tal-musketterija u l-Kaptan Andrea Camilleri min-Nadur ukoll, kien ħareġ £12 12s 0d għal 18,000 bomba oħra. F'dawk iż-żmenijiet kien hemm id-drawwa, u din damet għal ħafna żmien u ħafna għadhom jiftakruha, li meta jispiċċa l-ġiġġifogu kien jingħata n-nar lil vapur magħmul mill-karti u kartun li kien jimxi permezz tas-suffarelli fuq *wire* li kien marbut mill-faċċata tal-knisja parrokkjali għall-Knisja tal-Qalb ta' Ġesu`. L-ispejjeż għal dan il-vapur kienu ta' lira biss imma b'din il-lira kien ikun hemm għors kbir għax f'dan il-vapur dejjem kien jinqala' xi inċident tad-daħk.

L-isparar ta' dari ma kienx il-kaxxi infernali u l-murtali tal-kulur u murtali oħra kif nafuhom illum. Dak iż-żmien dawn il-ħsejjes kienu jiġu biss mill-maskli li kienu jiġu kkargati u mogħtija permezz ta' miċċa minn kamra apposta mingħajr saqaf li kien hemm f'ġenb l-Oratorju fejn illum hemm mibni ċ-Ċentru Parrokkjali. Kienet qisha bitħa miftuħa li kienet mdawra b'ħitan ta' tmien filati għolja li konna nsejħulha 'l-kamra ta' l-isparar'. Kienet tinħaraq ukoll il-musketterija li kienet tingħata minn fuq l-Oratorju u bjut oħra matul it-toroq tal-purċissjoni. Għal xi żmien din kienet nqatgħet iżda llum din reġgħet saret xi ħaġa komuni.

## *Ix-Xalata fil-Buskett*



Qabel it-Tieni Gwerra dinjija, in-nies tan-Nadur, bħal biċċa l-kbira tan-nies ta' rħula oħra f'Malta u Għawdex, ma kinux distratti minn divertimenti bħalma hawn illum. L-uniku żvog tagħhom ma kienx ħlief il-knisja u l-festa tar-raħal.

Il-festa ta' l-Imnarja fin-Nadur minn dejjem kienet festa popolari fil-gżejjer Maltin, u kienet tiġi ffestiġġjata bi kbir, bl-akbar pompa u solennita`. Wieħed mill-fatturi tal-popolarita` ta' din il-festa kien li fl-imgħoddi kienet issir xalata gwappa fil-Buskett tan-Nadur. Tant kienet popolari din ix-xalata, li mhux biss in-nies tan-Nadur kienu jmorru fil-Buskett, li dak iż-żmien, kif diġa` semmejt qabel, kien mimli siġar tal-laring, tal-lumi, taż-żebbuġ u tal-ħarrub, imma nies ta' rħula oħra minn kull rokna ta' Malta u Għawdex kienu jitilgħu wkoll in-Nadur fl-Imnarja. Dawn kienu jaslu wasla sal-Buskett, biex anki huma jieħdu sehem f'din ix-xalata. Din il-mawra tant kienet popolari li l-istoriċi jgħidu li l-għarajjes friski kellhom id-drawwa li kienu jwiegħdu lil xulxin li l-ewwel festa ta' l-Imnarja li tiġi wara t-tieġ tagħhom kienu jitilgħu n-Nadur u jmorru fil-Buskett.

Ħafna Nadurin u barranin, wara li kienet tispiċċa l-quddiesa solenni f'ġieħ San Pietru u San Pawl, u wara l-purċissjoni li sa qabel il-gwerra ta' l-1914 din kienet issir filgħodu, kienu jitilqulha lejn il-Buskett fejn, barra l-għors li kien ikun hemm kienu jsibu qubbajt, ħelu, ikel u xorb, għannejja, daqq u żfin, u kull ferħ ieħor. Fiż-żmien li qed nitkellmu l-ġelati ma kinux bħal dawk ta' llum. L-għażla kienet waħda limitata u l-prezz, għalkemm għal-lum huwa ftit, dak iż-żmien kien ħafna. Għal min ried jonfoq anqas kien ikun hemm il-luminata kiesħa li kienet magħmula minn ilma u zokkor u kienet tiġi mwebbsa ġol-bezzun. Dak iż-żmien qatt ma konna nobsru bl-għażla kbira ta' ġelati li għandna llum.

## *It-Tiġrija*



Fattur ieħor tal-popolarita` tal-festa ta' l-Imnarja kienet it-tiġrija tradizzjonali. Għaliha, dawk kollha li kienu jkunu jiddevertu fil-Buskett, wara kienu jerħulha lejn it-Triq tat-Tiġrija, li għadha ġġib isimha sa llum, biex jieħdu sehem f'din ukoll.

Fil-post fejn kienu jieqfu l-bhejjem fit-tarf tat-triq, qabel ma taqbad Triq il-Knisja, kien hemm plier qisu palk jew pjattaforma li kien nbena fl-1720 meta fin-Nadur bdew isiru t-tiġrijiet. Dan il-plier matul il-parrokat ta' Dun Franġisk Sapiano (1778-1812) kien reġa' sar mill-ġdid. Fuqu, waqt it-tiġrijiet, kien ikun hemm persuni li kellhom x'jaqsmu mat-tiġrija. Minn fuqu ukoll kienu jingħataw l-premjijiet, li fi żmieni, barra l-palji li kienu jingħataw bħala premju għall-bhejjem, niftakar li kien ikun hemm ukoll tiġrijiet ta' l-irġiel u tfal, li bħala premju kienu jingħataw xi beritta jew xi terħa.



## *Il-Kumitat ta' l-Armar tat-Toroq*

Matul is-sena kollha n-nies tan-Nadur kienu jaħsbu għall-festa li jmiss. Barra l-festi ta' ġewwa l-knisja kien hemm kumitati, bħalma hemm illum, biex jieħdu ħsieb il-festa ta' barra u l-armar tat-toroq. Dawn il-kumitati kienu bil-pika bejniethom min minnhom kien se jarma u jżejjen l-aħjar u l-isbaħ triq. It-toroq l-aktar armati kienu dawk ta' Xandriku, San Ġwann u Strada Rjali (illum Triq Diċembru 13). Minn dawn it-toroq, bħal ma jiġri llum, jgħaddu l-purċissjoni u l-baned matul il-jiem tal-festa.

Kienet xi ħaġa komuni żmien ilu li l-kumitati ta' dawn it-toroq kienu jqassmu flieles lin-nies, biex jkabbruhom u wara jbigħuhom. Bil-flus li jidħlu kienu jarmaw u jkomplu jsebbħu t-toroq tagħhom. Kull kumitat kien ukoll jiġbor kontribuzzjonijiet ta' kull ġimgħa jew kull xahar mir-residenti tat-toroq konċernati. Dawn il-kontribuzzjonijiet kienu ta' 6d jew xelin kull darba.

It-toroq tal-purċissjoni tan-Nadur minn dejjem kienu jiġu armati bl-aqwa armar permezz ta' statwi, kolonni, trofej, mijiet ta' tazzi taż-żejt ikkuluriti u dak kollu li kien meħtieġ. Meta beda dieħel id-dawl elettriku, id-dawl ipetpet ta' dawk il-mijiet ta' tazzi taż-żejt, li kien fihom għaxqa, inbidel f'bozoz li dakinhar kienu jinxtegħlu permezz ta' diversi ġeneraturi li kienu jkunu fit-toroq.

*Ħarsa ħafifa lejn kif kienet tiġi ċċelebrata l-Imnarja fl-imgħoddi turina biċ-ċar kif diversi użanzi spiċċaw maż-żmien u ġew mibdula ma' oħrajn ġodda. Jixraq għalhekk li llum napprezzaw dak kollu li missirijietna, li għalkemm ma kinux jgħixu fil-ġid li nsibu llum, xorta waħda kienu jagħmlu dak kollu possibbli biex bi mħabba kienu jagħmlu festa li tixraq lill-patruni tagħna San Pietru u San Pawl.*